**3 ta' Marzu, 1995**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D. A.R.Hist.S.**

Joseph Borg

*versus*

Emanuela Vella *et*

**Legat - Diviżjoni Parzjali**

*Id-dritt tal-legatarju li jirċievi l-legat jista' jittrasmettih lill-eredi tiegħu. Il-legatarju jittrasmetti d-dritt li huwa għandu - id-dritt li jirċievi l-*

*ħaġa legata u mhux il-ħaġa legata - proprju għaliex din ma tkunx għadha għaddiet definittivament biex tifforma parti mill-patrimonju tiegħu.*

*Diviżjonijiet parzjali ma jistgħux jiġu konċessi mill-Qorti jekk xi wieħed mill-koproprjetarji jopponi diviżjoni ta' parti mill-koproprjeta' u mhux tal-koproprjeta' kollha. Diviżjoni hi mmirata biex permezz tagħha tiġi tterminata l-komunjoni u dan l-iskop ta' l-azzjoni ma jintlaħaqx jekk kemm-il darba dik l-azzjoni tkun limitata b'mod li tħalli l-kontendenti fl-istat komunitarju, jew aħjar, konsorti.*

Il-Qorti:-

Giuseppe Borg, bin Andrea u Paola nee Camilleri għamel tliet testmenti. Fl-ewwel wieħed, tat-30 ta' Lulju, 1944 innomina eredi lil ħutu, Emanuele, Antonio, Carmelo, Gio Maria, Giovanni, Marianna, Vittoria Vassallo u Catarina Psaila - lkoll indaqs; u ħalla prelegat lill-istess ħuh Emanuele Borg, ta' (a) id-djar 8, 9 u 10, Triq il-Parroċċa, il-Mellieħa; (b) biċċa raba', ċens tal-Gvern, fil-bajja tal-Mellieħa;

Fit-tieni, dak tal-1 ta' Novembru, 1944 ikkonferma l-ewwel testment, biss ma' l-eredi żied ukoll lil Vincenza Borg;

Fit-tielet, tal-20 ta' Frar, 1968 żied disposizzjoni oħra wara li kkonferma ż-żewġ testmenti preċedenti - jiġifieri legat lil ħdax (11)-il neputi i.e. Maria, Andreana, Alfred, Joseph, Emanuela, Carmen, Anton, Paolo, Rita, Eugenio, Francis u Victor - lkoll tfal ta' ħu t-testatur, u wieħed mill-eredi tiegħu, Emanuele Borg u martu Evangelista Mangion;

Il-legat jikkonsisti f'(a) il-fond 54/55, Triq il-Parroċċa, Il-

Mellieħa, (b) il-fond 115, Triq il-Kbira, il-Mellieħa (ċ) il-mezzanin 131, Triq il-Kbira, il-Mellieħa;

Giuseppe Borg miet;

Fit-18 ta' Diċembru, 1990 l-attur Joseph Borg, wieħed min-neputijiet tat-testatur, u għalhekk legatarju flimkien ma' ħutu, ulied Emanuele Borg u Evangelista Mangion - xtara l-ishma indiviżi tal-fond 131, fi Triq il-Kbira, il-Mellieħa, parti mil-legat imsemmi, u dawn it-tmien ishma minn tnax ($^{8}/_{12}$) xtrahom mingħand ħutu **Maria** Caruana nee' Borg, **Andreana, Alfred, Carmen** Camilleri nee' Borg, **Anton, Rita** Vella nee Borg, **Eugenio**, u **Francis**;

Biċ-ċitazzjoni quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, l-attur espona illi billi huwa proprjetarju ta' disa' partijiet minn tnax ($^{9}/_{12}$) indiviżi ta' 131, Triq il-Kbira, Mellieħa, waqt li l-konvenuti għandhom it-tliet partijiet min tnax ($^{3}/_{12}$) - ir-rimanenti - u l-fond m'humiex kommodament diviżibbli, talab il-bejgħ b'liċitazzjoni tal-fond;

It-tliet konvenuti - Emanuela Vella nee' Borg, Victor u Paul, aħwa Borg, opponew illi (a) ħadd mil-legatarji ma ġie immess fil-pussess tal-fond legat; (b) ma tistax tintalab il-liċitazzjoni ta' fond wieħed meta l-partijiet fil-kawża huma l-ko-proprjetarji ta' fondi oħra, barra dawk imsemmija fiċ-ċitazzjoni, biex jiġi liċitat;

L-imsemmija Qorti iddisponiet mill-kawża b'sentenza tas-16 ta' Ottubru, 1992 billi qalet:

"Kull legat pur u sempliċi jagħti lil-legatarju, minn dak inhar tal-mewt tat-testatur, jedd, li jista' jgħaddi għall-werrieta ta' l-istess

*legatarju, li jirċievi* l-ħaġa *mħollija* lilu bil-legat (artikolu 721). B'dana l-Qorti tifhem li, kif sewwa ssottometta l-attur, il-legatarju għandu l-proprjeta' assoluta tal-ħaġa mħollija b'legat immedjatament mal-mewt tat-testatur u in forza ta' l-istess disposizzjoni testamentarja. Ma jrid isir xejn aktar sabiex dak il-legat ikollu effett. Infatti l-legatarju tant huwa l-proprjetarju tal-ħaġa mħollija lilu b'legat li r-riskju jgħaddi fuqu u ma jkunx intitolat għal-legat jekk il-ħaġa tispiċċa wara l-mewt tat-testatur;

Għalhekk mal-mewt ta' Giuseppe Borg il-legatarji aħwa Borg, ulied il-mejtin Emanuele u Evangelista Borg, kellhom dodiċeżima parti kull wieħed mill-fond, 54/55, Triq il-Kappillan Magri, il-Mellieħa; dodiċeżima parti kull wieħed mill-fond 115, Triq il-Kbira, il-Mellieħa; u dodiċeżima parti kull wieħed mill-fond 131, Triq il-Kbira, il-Mellieħa. Kull legatarju għalhekk kien koproprjetarju f'sehem indaqs ma' l-oħrajn f'kull fond formati parti l-legat. Bħala tali l-istess legatarji kellhom il-proprjeta' sħiħa tas-sehem tagħhom u setgħu ttrasferew, ċedew jew saħansitra ipotekaw dan is-sehem kif riedu (Artikolu 495 Kap. 16);

L-attur għalhekk għandu titolu fuq il-fond 131, Triq il-Kbira, il-Mellieħa, qua koproprjetarju u in forza tat-testment u tal-kuntratt imsemmi. Għalhekk l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti qed tiġi miċħuda;

Hu minnu li l-legat imħolli in forza tat-testment ċitat jitkellem fuq tliet fondi li ġew imħollija lil aħwa Borg. Dana pero', a differenza minn disposizzjoni b'titolu universali, fejn it-testatur jiddisponi minn ġidu kollu, mingħajr ma jagħti ebda dettalji, *lil* wieħed jew iżjed persuni, hija disposizzjoni b'titolu partikolari u konsegwentement il-benefiċjarji ossia l-legatarji jafu eżattament x'inhu tagħhom u

għandhom sehem f'kull fond formanti parti mil-legat. Għalhekk ma hemmx bżonn li l-fondi kollha formanti parti milll-legat jiġu diviżi u assenjati qabel ma jiġi stabbilit kull legatarju x'jipposjedi";

It-tliet konvenuti appellaw billi dehrilhom illi l-eċċezzjonijiet tagħhom kellhom jiġu milqugħa;

Is-sentenza mill-qari ta' l-artikolu 721 Kap. 16 waslet għall-konklużjoni illi mal-mewt tat-testatur il-legatarju jakkwista l-proprjeta' assoluta ta' l-oġġett legat, *u li ma jrid isir xejn aktar sabiex* dak il-legat ikollu effett.

L-artikolu 721 Kap. 16 jiddisponi illi:

"(1) Kull legat pur u sempliċi jagħti lil-legatarju minn dakinhar tal-mewt tat-testatur, jedd, li jista' jgħaddi għall-werrieta ta' l-istess legatarju, jew għal dawk li l-jeddijiet tagħhom ġejjin minnu, li jirċievi l-ħaġa mħollija lilu bil-legat.

(2) Il-legat magħmul taħt kundizzjoni ma jagħtix lil-legatarju dak il-jedd qabel ma tiġri l-kundizzjoni";

Bir-rigward kollu għal dak li hemm fis-sentenza appellata, dak li jiddisponi dan l-artikolu huwa li **d-dritt tal-legatarju li jirċievi l-legat** jista' jittrasmettih lil-eredi tiegħu. Il-legatarju jittrasmetti d-dritt li huwa għandu - id-dritt li **jirċievi l-ħaġa legata** u **mhux il-ħaġa legata** proprju għaliex din ma tkunx għadha għaddiet definittivament biex tifforma parti mill-patrimonju tiegħu;

Dan l-artikolu huwa ċ-ċavetta ta' l-istitut kollu tal-legat:

"Il-legatarju **ghandu** jitlob lill-werriet il-pussess tal-ħaġa imħollija legat";

Din l-immissjoni fil-pussess għandha prinċipalment l-iskop li tistabbilixxi definittivment illi l-legatarju aċċetta l-legat lilu mħolli. U difatti **wara** din l-immissjoni ma japplikax aktar l-artikolu 721 ikkonsiderat preċedentement, għaliex issa l-legatarju lill-eredi u l-*aventi kawża tiegħu, ma jagħtihomx id-drittt li jirċievi* l-ħaġa, *imma* l-ħaġa nfisha;

Fil-ġurisprudenza, l-importanza u l-portata ta' din l-immissjoni hija enfatika u paċifika, u huwa kurjuż il-fatt illi fl-osservazzjonijiet in rispota tad-29 ta' Lulju, 1992, l-attur isemmi proprju waħda minn dawn is-sentenzi ġurisprudenzjali fuq in-neċessita' ta' l-immissjoni mentri l-attur, skorrettament jgħid li din is-sentenza tissufraga b'xi mod it-teżi tiegħu - Inf. 21 ta' Mejju, 1955 **Sammut *vs* Avukat Dottor Giuseppe Sacco nomine**, Vol. XXXIX.I.473;

*Mis-sentenzi li ppreċedew din ta'* l-1955, il-Qorti tħoss li għandha tagħmel riferiment speċifiku għas-sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' Novembru, 1923 **Cassar *vs* Hare** (Vol. XXV.I.659), billi hemmhekk jissemmew tliet rondimenti li f'dan ir-rigward huma bħal tagħna - dak tad-*Due Sicilie*, il-Franċiż u t-Taljan;

Fost l-awturi sservi din il-kwotazzjoni mid-*Diritto Civile* ta' Francesco Ricci Vol. III pag. 870 *et seq.* (Edizzjoni U.T.E.T. 1912):

"*Questo diritto di conseguire la cosa legata, che il legatario acquista dal giorno della morte del testatore, importa forse che quegli sin da quel giorno addivenga, anche a sua insaputa, proprietario della cosa legata?*

*Non ci sembra che tale si e' stato il concetto del legislatore nel dettare la disposizione contenuta nell'articolo 862* (korrispondenti għall-artikolu 721 tal-Kap. 16 tagħna). *E' principio infatti, fondamentale che una cosa non puo entrare a far parte del patrimonio di un individuo, se esso non vi consenta. Puo chichessia rinunciare al diritto che a lui compete di proprieta' su una cosa determinata, e puo volere che questo diritto vada a far parte del patrimonio altrui; ma cio' solo non basta perche' la cosa abbia senz'altro a ritenersi come definittivamente entrata nel patrimonio di colui al quale si vuole trasferire ....*"

Min-naħa ta' l-eredi mbagħad li jkollu f'idejh il-ħaġa legata, l-immissjoni fil-pussess tista' tingħata jew espressament jew taċitament. Jingħad taċiment, meta l-legatarju jieħu materjalment pussess tal-legat u l-eredi ma jagħmel ebda opposizzjoni;

It-tieni aggravju huwa l-eku tat-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti li jissottomettu li l-kontendenti jippossjedu semmai in komuni mhux biss il-fond 131, Triq il-Kbira, il-Mellieħa, li l-attur isemmi fiċ-ċitazzjoni, imma wkoll il-fondi 54/55, Triq il-Parroċċa, u 115, Triq il-Kbira, kollha fil-Mellieħa u kollha fondi lilhom imħollija b'titolu ta' legat minn zijuhom Giuseppe Borg - u għalhekk l-attur ma jistax jillimita t-talba tiegħu għal-liċitazzjoni billi l-fond m'huwiex diviżibbli;

Dan l-aggravju huwa fondat ukoll. Diviżjonijiet parzjali ma jistgħux jiġu konċessi mill-Qorti jekk xi wieħed mill-koproprjetarji jopponi diviżjoni ta' parti mill-koproprjeta' u mhux tal-koproprjeta' kollha. Diviżjoni hi mmirata biex permezz tagħha tiġi tterminata l-komunjoni u dan l-iskop ta' l-azzjoni ma jintlaħaqx jekk kemm-il darba dik l-azzjoni tkun limitata b'mod li tħalli l-kontendenti fl-

istat komunitarju, jew aħjar, konsorti (ara Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-1 ta' Frar, 1936 **Pulo *vs* Pulo**, Vol. XXIX.II.940);

Għal dawn ir-raġunijiet, l-appell tal-konvenuti jistħoqqlu li jiġi milqugħ u s-sentenza appellata hija revokata u t-talba attriċi hija respinta;

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi huma a karigu ta' l-attur.